MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 912/2007

Michael Attard Limited (C32362).

Vs

Lee Nathan Mayne.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-soceta' attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kundanat ihallasha s-somma ta' sitt mija, seba u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm697.95), rapprezentanti import ta' sitt (6) kambjali skaduti.  Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi s-socjeta' attrici trid tikkjarifika liema sitt kambjali ma gewx onorati mill-konvenut mertu ta' din il-kawza; (ii) illi t-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghax l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mertu ta' din il-kawza

huwa eccessiv; (iii) salvi eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Sema x-xhieda ta' Stefan Sacco in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi jirrizulta ampjament car mill-provi prodotti tas-socjeta' attrici, li l-konvenut huwa debitur taghha fl-ammont mitlub fl-Avviz, u cioe l-ammont ta' sitt mija, seba u disghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm697.95), ekwivalenti ghal elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro, u tmienja u sebghin centezmu (€1625.78).

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex iressaq provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu, alavolja inghata diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro, u tmienja u sebghin centezmu (€1625.78), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------